**QORTI KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.,**

**Illum l-Erbgha, 4 ta' April, 2001**

**Att ta' Akkuza Nur 20/97**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Meinrad Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza numru 20/97;

Semghet il-verdett tal-gurati li b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-imsemmi Meinrad Calleja hati skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-istess akkuzat hati wkoll skond it-tieni kap tal-imsemmi Att; b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabu lill-akkuzat hati skond it-tielet kap; u b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lill-imsemmi Meinrad Calleja hati skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza;

Tiddikjara lill-istess Meinrad Calleja hati talli assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza aktar 'l fuq imsemmi; tiddikjarah hati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll hati talli assocja ruhu ma persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), u dan skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza; fl-ahhar nett tiddikjarah hati talli kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, u dan skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza;

Semghet lill-Avukat Dott. Emanuel Mallia ghall-hati u lid-Deputat Avukat Generali Dott. Silvio Camilleri ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont u n-natura tad-droga involuta kif ukoll iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(I)(3A)(c)(d) tal-Kap. 101; ir-regoli 4(a) u 8 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/39); u l-Artikoli 11, 17(h), 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Meinrad Calleja ghall-piena ta' hmistax-il sena (15) prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll tikkundannah multa ta' tletin elf lira (Lm30,000) konvertibbli f'sena prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli ohra tal-istess Meinrad Calleja; fl-ahharnett tikkundanna lill-istess Meinrad Calleja ihallas lir-Registratur l-ispejjez kollha peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar mid-data li fiha hu jigi notifikat bl-ammont ta' tali spejjez.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur